



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Jannar 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0283 (NLE)

14048/1/17
REV 1

AELE 83
CH 42
AGRILEG 213
VETER 101
AGRI 605

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Veterinarju Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli fir-rigward tad-Deċiżjoni Nru 1/2018 dwar l-emendar tal-Appendiċi 6 tal-Anness 11 għall-Ftehim

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fil-Kumitat Veterinarju Konġunt
stabbilit bil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea
u l-Konfederazzjoni Żvizzera
dwar kummerċ fi prodotti agrikoli
fir-rigward tad-Deċiżjoni Nru 1/2018
dwar l-emendar tal-Appendiċi 6
tal-Anness 11 għall-Ftehim**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli¹ (“il-Ftehim Agrikolu”) daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Ġunju 2002.
- (2) Skont l-Artikolu 19(1) tal-Anness 11 għall-Ftehim Agrikolu, il-Kumitat Veterinarju Konġunt huwa inkarigat jeżamina l-kwistjonijiet kollha marbutin ma’ dak l-Anness u mal-implimentazzjoni tiegħu, u jwettaq il-kompiti stipulati fih. L-Artikolu 19(3) tal-Anness 11 jawtorizza lill-Kumitat Veterinarju Konġunt jemenda l-Appendiċijiet għal dak l-Anness, b’mod partikolari sabiex jadattahom u jaġġornahom.
- (3) L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni 2002/309/KE, Euratom tal-Kunsill u tal-Kummissjoni² jipprevedi li l-pożizzjoni tal-Komunità fil-Kumitat Konġunt għall-Agrikoltura u l-Kumitat Veterinarju Konġunt trid tiġi adottata mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Veterinarju Konġunt tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni mehmuż.

¹ ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika, tal-4 ta’ April 2002 dwar il-konklużjoni tas-seba’ Ftehim mal-Konfederazzjoni Svizzera (2002/309/KE, Euratom) (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 1).

- (5) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni Nru 1/2018 tal-Kumitat Veterinarju Konġunt stabbilit bil-Ftehim Agrikolu (“id-Deċiżjoni Nru 1/2018 tal-Kumitat Veterinarju Konġunt”) tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.
- (6) Sabiex jiġi evitat il-waqfien ta’ prattiki eżistenti u li qed jiffunzjonaw sew u biex tiġi żgurata l-kontinwità legali li ma tikkawżax konsegwenzi negattivi prevedibbli, id-Deċiżjoni Nru 1/2018 tal-Kumitat Veterinarju Konġunt jenħtieġ li tipprevedi l-applikazzjoni retroattiva ta’ dik id-Deċiżjoni b’effett mill-1 ta’ Jannar 2017.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Veterinarju Konġunt stabbilit bl-Artikolu 19(1) tal-Anness 11 tal-Ftehim Agrikolu fir-rigward tal-emendar tal-Appendiċi 6 tal-Anness 11 għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat Veterinarju Konġunt mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

ABBOZZ

DEĊIŻJONI NRU 1/2018
TAL-KUMITAT VETERINARJU KONĠUNT
STABBILIT BIL-FTEHIM BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA
U L-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA
DWAR KUMMERĊ FI PRODOTTI AGRIKOLI

ta' ...

dwar l-emendar tal-Appendiċi 6 tal-Anness 11 għall-Ftehim

IL-KUMITAT VETERINARJU KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 19(3) tal-Anness 11 tiegħu,

¹ ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132.

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli (“il-Ftehim Agrikolu”) daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Ġunju 2002.
- (2) Skont l-Artikolu 19(1) tal-Anness 11 għall-Ftehim Agrikolu, il-Kumitat Veterinarju Konġunt stabbilit bil-Ftehim Agrikolu (“il-Kumitat Veterinarju Konġunt”) huwa inkarigat jeżamina l-kwistjonijiet kollha marbutin ma’ dak l-Anness u mal-implimentazzjoni tiegħu, u jwettaq il-kompiti stipulati fih. L-Artikolu 19(3) tal-Anness 11 jawtorizza lill-Kumitat Veterinarju Konġunt jemenda l-Appendiċijiet għal dak l-Anness, b’mod partikolari sabiex jadattahom u jaġġornahom.
- (3) Id-Deċiżjoni Nru 2/2003 tal-Kumitat Veterinarju Kongunt¹ emendat l-Appendiċijiet 1, 2, 3, 4, 5, 6 u 11 tal-Anness 11 għall-Ftehim Agrikolu għall-ewwel darba.

¹ Id-Deċiżjoni Nru 2/2003 tal-Kumitat Veterinarju Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli tal-25 ta’ Novembru 2003 li temenda l-Appendiċijiet 1, 2, 3, 4, 5, 6 u 11 tal-Anness 11 tal-Ftehim (2004/78/KE) [traduzzjoni mhix uffiċjali] (ĠU L 23, 28.1.2004, p. 27).

- (4) Id-Deċiżjoni Nru 1/2015 tal-Kumitat Veterinarju Kongunt¹ emendat l-aħħar l-Appendiċijiet 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 10 u 11 tal-Anness 11 għall-Ftehim Agrikolu.
- (5) L-Iżvizzera bbenefikat minn bosta perjodi suċċessivi li matulhom setgħet tidderoga mill-eżami għall-preżenza tat-Trichinella fil-karkassi u fil-laħam tal-ħnieżer domestiċi maħsubin għat-tismin u għall-qatla fl-istabbilimenti tal-qatla b'kapaċità baxxa. F'aktar minn 50 sena ma ġie identifikat l-ebda każ ta' Trichinella fl-Iżvizzera. Barra minn hekk, l-Iżvizzera għandha programm ta' detezzjoni effiċjenti u impenjat ruħha biex il-laħam tal-ħnieżer domestiċi li jitqiegħed fis-suq fl-Unjoni Ewropea dejjem jiġi ttestjat għat-Trichinella fil-karkassi u fil-laħam. Għalhekk huwa possibbli li d-deroga ssir waħda permanenti.
- (6) Sabiex jiġi evitat il-waqfien ta' Prattiki eżistenti u li qed jiffunzjonaw sew u biex tiġi żgurata l-kontinwità legali li ma tikkawżax konsegwenzi negattivi prevedibbli, huwa xieraq li din id-Deċiżjoni tiġi applikata retroattivament b'effett mill-1 ta' Jannar 2017.
- (7) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.
- (8) Għalhekk, jenħtieġ li l-Appendiċi 6 tal-Anness 11 għall-Ftehim Agrikolu jiġi emendat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni Nru 1/2015 tal-Kumitat Veterinarju Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tas-17 ta' Diċembru 2015 dwar l-emendar tal-Appendiċijiet 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 10 u 11 tal-Anness 11 tal-Ftehim (2015/2367/UE) (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 128).

Artikolu 1

Il-punti 4 sa 6 tal-kapitolu “Kundizzjonijiet Speċjali” tal-Appendiċi 6 tal-Anness 11 tal-Ftehim Agrikolu huma b'dan emendati kif ġej:

- 4) L-awtoritajiet tal-Iżvizzera jimpenjaw ruħhom biex il-karkassi u l-laħam tal-ħnieżer domestiċi li jitqiegħdu fis-suq fl-Unjoni Ewropea jiġu dejjem sottoposti għall-analiżi tat-Trichinella.
- 5) Il-metodi ta' detezzjoni deskritti fil-Kapitoli I u II tal-Anness I għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/1375¹ jintużaw fl-Iżvizzera għat-testijiet tat-Trichinella.

¹ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1375 tal-10 ta' Awwissu 2015 li jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar kontrolli uffiċjali għat-Trichinella fil-laħam (ĠU L 212, 11.8.2015, p. 7).

- 6) Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 (il-paragrafi 1, ittra a, u 3) tal-Ordinanza tat-23 ta' Novembru 2005 tad-Dipartiment Federali tal-Intern dwar l-iġjene waqt il-qtil tal-annimali (OHyAB; RS 817.190.1) u l-Artikolu 10 (il-paragrafu 8) tal-Ordinanza tas-16 ta' Diċembru 2016 tad-Dipartiment Federali tal-Intern dwar l-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali (RS 817.022.108), il-karkassi u l-laħam tal-ħnieżer domestiċi maħsubin għat-tismin u għall-qatla, kif ukoll il-preparazzjonijiet tal-laħam, il-prodotti tal-laħam u l-prodotti pproċessati derivati tagħhom li mhumiex maħsuba għas-suq tal-Unjoni Ewropea għandhom ikunu mmarkati b'marka speċjali tas-saħħa skont il-mudell speċifikat fl-aħħar subparagrafu tal-Anness 9 tal-Ordinanza tat-23 ta' Novembru 2005 tad-Dipartiment Federali tal-Intern dwar l-iġjene waqt il-qtil tal-annimali.

Dawn il-prodotti ma jistax isir kummerċ bihom mal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 tal-Ordinanza tad-Dipartiment Federali tal-Intern tas-16 ta' Diċembru 2016.

Il-punt 7 jiġihassar.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni, magħmula f'żewġ kopji, għandha tiġi ffirmata mill-kopresidenti jew minn persuni oħrajn mogħtija s-setgħa biex jaġixxu f'isem il-Partijiet għall-Ftehim Agrikolu.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Hija għadha tapplika retrospettivament mill-1 ta' Jannar 2017.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Unjoni Ewropea
Il-Kap tad-Delegazzjoni

Għall-Konfederazzjoni Żvizzera
Il-Kap tad-Delegazzjoni
